# Dimitri Shostakovich
## 1906 - 1975

**kitba tas-Surmast Jonathan Borg L.L.C.M., F.L.C.M.**



Dimitri Shostakovich twieled f'St. Petersburg fil-25 ta' Settembru 1906 u miet f'Moskow fid-9 ta' Awissu 1975. Huwa rċieva l-ewwel lezzjonijiet tiegħu mingħand ommu fl-età ta' 9 snin. Fl-1919 daħal fil-konservatorju petrograd, fejn hemmhekk studja il-pjanu ma' Leonid Nikolayevan u l-kompożizzjoni ma' Maximillian Shteynberg, fejn hemmhekk ġie mogħti nkorraġiment u għajnuna mingħand Glazunov. Huwa kellu jgħin lil ommu u lil oħtu finanzjarjament billi beda jdoqq il-pjanu fiċ-ċinema. Huwa kompla l-kors tal-pjanu fl-1923 u l-kors tal-kompożizzjoni fl-1925. F'ċertu mumenti kien jiġi indeċiż bejn jekk hux ħa jkompli l-karriera ta' pjanist jew ta' kompożitur. Is-suċċess ġieħ kmieni fiż-żewġ oqsma infatti kkompona l-ewwel sinfonija fl-età ta' 19-il sena u kitibha bħala biċċa għall-gradwazzjoni. Shostakovich rebaħ unuri bħala pjanist fl-International Chopin Contest f'Warsaw fl-1927. Fix- xogħlijiet tiegħu pinġa il-ħajja ta' meta kien fl-Unjoni Sovjetika u xi wħud minn dawn il-kompożizzjonijiet kienu fejn ispiraw l-istorja tal-pajjiż tiegħu eżempju bħat-tieni sinfonija li kienet iddedikata lir-rivoluzzjoni ta' Ottubru ta' l-1917 u t-tielet sinfonija li semmiha 1st of May.

Ħafna mix-xogħlijiet importanti ta' Shostakovich kienu il-ħmistax-il sinfonija u l-ħmistax String Quartets. Ħafna mill-każijiet tal-kompożizzjonijiet tiegħu għadhom struttura konservattiva u forom tradizzjonali, madankollu hija fil-fond ġlieda personali. Għalkemm Shostakovich qatt ma uża is-sistema tat-tnax il-nota, jew oħrajn mill-metodi Western, il-mużika tiegħu kienet biżżejjed moderna biex lilu tinvolvih f'konflitt mas-Soviet Guardians of Art. Il-kompożitur ħadem fil-ħin meta l-kompożituri ta' l-Unjoni Sovjetika kien jogħġobhom li jkunu ottimisti. Waħda mill-opri tiegħu Lady Macbeth of the Mtensk ġiet deskritta fuq il-gazzetta Pavado bħal kaos u mhux mużika. Ħafna mix-xogħlijiet importanti li ma humiex imsemmija huma 7th Symphony, Leningrad u it-13th Symphony, Babiyar għal Bass Soloist male choir u l-orkestra. Symphony 14th mal-movimenti li bbażati fuq poeżiji fuq il-mewt. Huwa kkompona wkoll żewġ kunċerti għal vjolin ċell, tnejn għal vjolin u tnejn għall-pjanu. L-ewwel kunċert għall-pjanu ġie miktub għal pjanu, kurunetta u għal strument tal-korda. Vjolin cell u vjolin sonatas, pjanu trio u anke pjanu quintet u opri oħra huma The Nose kif ukoll film mużikali. L-aħħar ftit perjodu tiegħu spiċċa bil-Viola Sonata u Quartet No15, fejn dawn kienu kuntrasti kif ukoll sbieħ ħafna.